MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 531/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-dritijiet tal-assigurata taghhom Wands Limited a bazi tal-ligi u tal-polza ta' assikurazzjoni**
**Vs**
**Carmelo Caruana Co.Ltd. fil-kwalita' taghha ta' agent tad-ditta estera Italsempione, u bhala operaturi tal-bonded stores ta' Hal Far u Sea Malta Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Peress illi s-socjeta' attrici b'risultat tal-polza ta' assigurazzjoni kkompensat lill-assigurat taghha Wands Limited tat-telf li hija garrbet is-somma ta' Lm1,941.20c u per konsegwenza giet surrogata fid-drittijiet taghha kontra

il-konvenuti jew min minnhom meta l-merkanzija mwassla permezz tal-vapur MV Maltese Falcon giet lilha kkonsenjata b'xi nuqqasijiet.
2. Peress illi waqt li l-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta' attrici kienet f'idejn u taht il-kura u l-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, rrizultaw xi nuqqasijiet li ghalihom huma responsabbli bhala l-persuni li jridu jghaddu l-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjoni u kwantita' li huma jkunu rcevewha.
3. Peress illi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni esistenti bejn is-socjeta' attrici u l-assigurat taghha, is-socjeta' attrici kellha tindenniza lill-assigurat taghha tal-hsarat u danni li gew lilha kawzati ai termini tal-premess u b'hekk issa hija giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurat u dan oltre l-ammont ta' Lm230 rapprezentanti survey fees.
4. Peress illi l-konvenuti nterpellati sabiex jindennizzaw lis-socjeta' attrici s-somma fuq imsemmija baqghu inadempjenti.
5. Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din l-Qorti ma ghandiex (1) tiddikkjara lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta' attrici li waslu fuq il-vapur fuq imsemmi, (2) tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici fis-somma globali ta' Lm2,171.20c elfejn mija u wiehed u sebghin lira u ghoxtin centezmu (3) tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma fuq indikata bhala d-danni sofferti mis-socjeta' attrici li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali m'illum u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta Company Limited li biha eccepiet:

1. Illi c-citazzjoni hija wahda nulla u bla effett stante li ma fihiex tifsira cara u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba kontra s-socjeta' eccipjenti, liema nuqqas

jippregudika lill-istess socjeta' eccipjenti peress illi hija tqieghdet f'pozizzjoni li ma tistax tiddefendi ruhha mill-allegazzjonijiet diretti kontra taghha. In partikolari, kien impossibbli ghall-konvenuta eccipjenti jirrintraccaw id-dokumentazzjoni in rispett ghal dan ir-reklam minhabba n-nuqqas ta' dettal dwar il-vjagg moghti fic-citazzjoni;

2. Illi t-talbiet attrici huma, fi kwalsjasi kaz, infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri meta l-konvenuti jinghataw ir-rigwalji mehtiega biex huma jkunu jistghu jirrispondu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Company Limited li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' attrici trid iggib prova illi fil-fatt kien hemm xi nuqqasijiet f'merkanzija appartenenti lill-assigurat taghha.

2. Illi fit-tieni lok, kemm il-darba is-socjeta' attrici tipprova illi kien hemm dawn in-nuqqasijiet, trid tipprova wkoll illi tali merkanzija naqset meta kienet fil-pussess u kustodja tas-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Company Limited fil-kwalitajiet taghha kif indikati fic-citazzjoni.

3. Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm il-darba is-socjeta' attrici tipprova illi din il-merkanzija naqset meta kienet fil-pussess tas-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Company Limited, l-istess socjeta' xorta wahda mhix responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u dan kif jirrizulta mill-polza ta' Kargu (Bill of Lading) relattiva ghal din il-merkanzija u l-kundizzjonijiet stipulati fl-istess polza kif ukoll minhabba illi hija onorat l-obbligi kollha li timponi fuqha il-ligi.

4. Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq indikati it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socejta' Sea Malta Companuy Limited fejn eccepiet:

Fl-ewwel lok, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-tally sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;

Fit-tieni lok il-klawsola ta’ l-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta’ liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti;
Rat li b’ verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta’ Ottubru 2001 s-socjeta’ Sea Malta Company Ltd. irtirat l-ewwel eccezzjoni;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**
Illi fis-sena 2000 is-socjeta’ konvenuta Carmelo Caruana Co.Ltd irceviet ordni minghand is-socjeta’ Wands Limited, l-assigurata tas-socjeta’ attrici, sabiex tiehu hsieb il-garr ta’ merkanzija minghand is-supplier taghha Bourgognes Faivley gewwa Franza. Minn naha taghha, Carmelo Caruana Co.Ltd informat lil principal taghha Italsempione gewwa l-Italja sabiex tiehu hsieb il-garr tal-istess merkanzija minn Franza.

Illi konsegwentement Italsempione gabret il-merkanzija minghand Bourgognes Faivley, is-supplier, u ttrasportata ghal Milan fejn ghandha l-imhazen taghha, fejn giet stivata go container groupage numru CATU 287153/1.

Karl Naudi, freight manager mas-socjeta’ Carmelo Caruana Co.Ltd spjega li *“Meta l-container spiccat it-tghabbija tieghu fil-bonded warehouse tal-Italsempone gewwa Milan, dawn issiggillawh u spedewh lejn il-Port ta’ Genova biex jigi Malta.” [Fol.71].* F’ dan il-mument ntbaghat lilhom, Carmelo Caruana Co.Ltd, Cargo Manifest tal-kontenut tal-container, fejn il-merkanzija de quo destinata ghas-socjeta’ Wands Ltd. giet deskritta “3 GW – 1832,00 – 4,40” rapprezentanti n-numru ta’ pakketti ossia pellets, il-misura u l-volum [Fol.64]. Ix-xhud spjega

ulterjorment li t-tghabija tal-merkanzija ghal gol-container fl-imsemmija bonded warehouse gewwa Milan, saret fil-prezenza ta' ufficjali tad-dwana tal-Italja. Meta nghalaq il-container dan gie ssigillat kif fuq spjegat.

Illi skond il-polza tal-kariku relattiva datata 25 ta' Marzu 2000 [Fol.65] il-merkanzija giet deskritta mis-shipper "3 PLTS Wines – Gross Weight 1.832,00 kg – Measurement 4,40", u fl-istess polza hemm stipulat "**Particulars Furnished By Shipper – Carrier Not Responsible**".

Illi sussegwentement intbaghat il-port ta' Geneva fejn il-container itghabba fuq il-vapur Maltese Falcon tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited; u skond il-polza ta' kariku relattiva datata 1 ta' April 2000, il-merkanzija destinata lil Wands Limited giet deskritta "3 PLTS Wine – 1832,0" [Fol.28] bl-istipulazzjoni "Particulars Furnished By Shipper – Carrier Not Responsible". Meta l-container wasal Malta, gie verifikat li s-sigill ta' barra kien ghadu intatt u hareg mill-Laboratory Wharf bis-sigill ulterjuri tad-Dwana ta' Malta; u ttiehed fil-bonded stores tas-socjeta' Carmelo Caruana Co.Ltd. gewwa Hal Far, bil-konsegwenza li l-merkanzija dahlet fil-pussess ta' din is-socjeta' bhala operatrici tal-bonded stores ta' Hal Far.

F' dan l-istadju, kif spjega l-imsemmi xhud, "waqt li l-container kien qieghed mal-bieb tal-mahzen taghna" infethu s-sigilli tal-container u beda l-hatt tal-merkanzija li kien hemm fih, inkluza dik mertu tal-kawza odjerna. F' dan l-istadju, il-bond operator induna li wiehed mill-pellets "ma kienx l-istess bhal l-ohrajn", u fuq il-Form1C [id-dikjarazzjoni lid-Dwana lokali tal-merkanzija kontenuta fil-container][Fol.66] nizzel il-kliem "Received one pellet open top". Il-merkanzija giet rilaxxjata mid-Dwana fil-11 ta' April 2000, u giet konsejnata lir-ricevitur Wands Ltd. skond delivery order [Fol.40] fejn gie certifikat *"Received in good condition with the following exceptions: 29 Cases * 6 bottles. Received short from Above Plts".* Dan il-fatt tan-nuqqas minn din il-merkanzija gie sodisfacentement provat.[1] Jirrizulta wkoll provat l-valur tal-merkanzija

[1] Vide deposizzjoni Paul Bonnici [fol.51], George Micallef [fol.54] u dokumenti esebiti.

nieqsa li gie kwantifikat fis-somma ta' Lm1,941 liema ammont thallas mis-socjeta' assikuratrici lis-socjeta' assikurata taghha.[2]

Il-fatt li s-sigill ta' barra kien ghadu intatt jinsab wkoll konfermat mit-tally clerk tas-socjeta' Sea Malta, li fid-deposizjoni tieghu kkonferma li appena l-container nizel mill-vapur u miss l-art sar it-tallying u dan ikkonferma li s-sigill ta' barra kien ghadu intatt. Spjega wkoll li kif nizel minn fuq il-vapur, sar sigill iehor fuq il-container, dak tad-Dwana maltija.

Fix-xhieda tieghu Karl Naudi sostna li "ahna fl-ebda stadju ma stajna nivverifikaw kemm ammont [recte:numri] ta' kaxxi, ghax ahna rrilizjajna tlett pellets bl-istess mod kif ircevejnihom, u ahna fl-ebda stadju ma stajna nkunu nafu x' kienu jikkontjenu dawn it-tlett pellets"[3] Skond il-polza ta' kariku tghabbew tlett pellets u fil-mument li tghabbew gew sigillati gol-container sakemm waslu Malta. "il-particulars furnished huma by shipper [tal-Wands Ltd.], ahna kellna x' naqsmu ma' tlett pellets u b' dan il-mod ahna .. tlett pellets gbarna, is-supplier [Franciz] qalilna li huma tlett pellets u tlett pellets waslu Malta".[4] Ix-xhud pero' ma setghax jghati b' mod defenittiv is-sinifikat tal-kliem "open top" imnizzla fuq il-form 1C mill-operatur tal-bond tal-kumpanija Carmelo Caruana Co.Ltd. li ma giex prodott bhala xhud.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Osservazzjonijiet guridici*

Ghal kaz in disamina huma relevanti s-segwenti principji guridici:

"Illi l-polza tal-kariku tikkostitwixxi kambjala tal-bahar. Illi l-kliem **'in apparent good order and condition'** hija prova prima facie li l-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f' kundizzjoni tajba, bl-obbligu li hekk allura tigi skarikata *[App.Kum.**Wilfred Mamo vs Paul Mifsud** – 5.06.1987]* Din ir-rimarka kien 'kjarament jaghmel referenza ghall-kondizzjoni tal-merce, anke jekk tali kondizzjoni tajba

---

[2] Vide deposizzjoni Brian Valenzia [fol.48] u dokumenti esebiti.
[3] Fol.75
[4] Ibid.

kienet kwalifikata bhala apparent. Kelma din li tifisser illi l-Bill of Lading … kien qed jiccertifika illi minn dak ili kien qed jidher u minn dak li seta' jidher, u cioe' minn dak li kien apparenti, il-kondizzjoni kienet tajba. Tajba jigifieri minghajr hsarat jew nuqqasijiet' *[App.**Av.Dr.Giovanni Grixti vs John Cooper** – 19.05.2000]" [App.Inf. PS. **Atlas Insurance Agency Limited vs Gollcher Company Limited** – 20.10.2003]*

*Illi rigward l-klawzola ta' ezoneru il-gurisprudenza interpretattiva hija f' dan is-sens:* "Kif gia drabi ohra gie rilevat 'Id-dottrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dik li tisejjah *assicurazione delle cople proprie' [App.**Kum.Paul Camilleri et vs Paola Mifsud** et – 1957 – Vol.XLI.I.616].* Din hi gurisprudenza sana hafna anke ghaliex mhux sewwa li klawsoli generici ta' ezoneru jeludu l-indagini tat-tribunali biex jigi asigurat li r-relazzjonijiet kontrattwali jigu esegwiti fir-rispett shih tad-drittijiet u tal-obbligi assunti.

Il-principju ghandu jibqa' dejjem dak li d-**depozitarju** ta' oggetti fdati lilu jibqa' responsabbli u jkollu allura jwiegeb ghall-hsarat jew nuqqasijiet fil-merce meta dawn, bhal f' dan il-kaz, jigu addebitati lilu. 'Klawsola ta' ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo u l-culpa gravi, ekwiparata mad-dolo, u mill-colpa ljevi li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-**grad normali ta' diligenza** li l-ligi tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazioni in genere' *[App. **Avv.Peter Borg Costanzi noe vs Sullivan Maritime Limited et** – 6.10.1999]* 'u jekk jigu stipulati espressament biex jezoneraw mid-dolo u miz-zewg gradi ta' kolpa riferiti, ikunu nulli billi kuntrarji ghall-principju generali tal-morali, bazi tal-ordni pubbliku' *[Kum.**Valhmour Borg vs Alfred Calascione [1961] Vol.XLVD.III.814]"[** App.Inf.[PS] **Atlas Insurance Agency vs Advance shipping Limited** – 7.07.2003]*

In fine huwa relevanti dak li osservat din il-Qorti f' materja ta' danni u l-prova tal-istess, fil-kawza *PA [PS] **Reginald Micallef et vs Godwin Abela** – 31.01.2002*

Kif jinsab insenjat “quando in un gudizzio di risarcimenti di danni, l’attore…..che agisce contro il-suo operaio [u dan jghodd ghal kull persuna ohra li tkun inkarigata tirrendi servizz] e’ nell’obbligo di provare un **fatto od una ommissione** che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo, perche’ **la colpa deve assumere una forma materiale e specifica** quando viene imputata ad altri come causa di danni *[App.Civ.* ***Ing.Frank Calafato vs Carmelo Grech*** *[1921] Vol.XXIV.I.893]*

*Osservazzjonijiet fil-mertu*

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li jirrizulta provat sufficjentement li l-oggetti li nstabu nieqsa kienu fil-fatt inbaghtu mis-supplier. Dan jirrizulta mis-survery report u mid-dokumenti annessi mieghu, u fuq bazi ta’ probabbilita’ din il-prova ghandha tigi meqjusa bhala sodisfatta.

Illi fit-tieni lok il-Qorti tosserva li meta l-oggetti gew stivati fil-container gewwa Milan dan sar that is-supervizjoni tad-Dwana Taljana; u ma giet ravvizata f’ dak l-istadju ebda irregolarita’. Sussegwentement dan gie karikat fuq il-vapur tas-Sea Malta. Miz-zewg poloz ta’ kariku esebiti jirrizulta li l-merce giet ricevuta *‘in apparent good order and condition’*.[5] Sa dan l-istadju kif ukoll sal-mument li fih sar it-tallying mill-operatur tal-bonded stores f’ Hal Far, ma rrizultat ebda irregolarita’ fil-merkanzija jew fl-ippakjar taghha.

Illi kien meta dan l-operatur kien qed jispezzjona l-merkanzija mal-ftuh tal-container li nduna li wiehed mill-pellets kellu l-wicc miftuh. Dan kien il-mument krucjali li fih, minn kien responsabbli ghall-merce, kellu jiehu dawk il-prekawzzjonijiet mehtiega sabiex jigi verifikat, f’ dak l-istadju, jekk kienx hemm nuqqas fil-merkanzija. Dan ma sarx mill-operatur tal-bonded stores, izda minflok, dan wara li nizzel ir-rimarka ‘open top’ huwa accetta li l-merkanzija tigi depozitata fil-bonded stores ta’ Hal Far fejn damet sebat ijem sakemm giet irtirata mir-ricevitur fil-11

[5] Fols.28 u 41

ta’ April f’ liema stadju gie skopert n-nuqqasijiet fil-merkanzija.

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi prodotti, kunsidrati fid-dawl tal-principji legali fuq esposti, hija tal-fehma li fil-mument li l-operatur tal-bonded stores accetta li jdahhal il-merce fil-bonded stores minghajr ma jinforma lir-ricevitur b’ dak li kien sab meta fetah il-container, u minghajr ma ghamel ebda verifika [anke dwar il-piz tal-merkanzija kif indikat fil-polza ta’ kariku], kif, fic-cirkostanzi, hu kien obbligat jaghmel qabel ma accetta li jiehu that il-kustodja tieghu l-merkanzija biex jara jekk kienx hemm nuqqasijiet, jirrendih responsabbli ghan-nuqqasijet li gew riskonstrati wara sebat ijem li l-merkanzija kienet ilha depozitata ghandu.

Fi kliem Karl Naudi “*Open top* ma tantx tfisser wisq … tfisser li l-bond operator forsi innota li wiehed mill-pellets mhux bhall-ohrajn, forsi kellu xi dubbju u hu ma riedx ikun responsabbli jekk hemm xi nuqqas ta’ xi markanzija..”[6]

Certament kien ikun desierabbli li kieku l-konvenuti jipproducew bhala xhud lill-bond operator li ghamel ir-rimarka biex jikkonferma bil-gurament dak li fil-fatt ra; izda, cio’ nonostante il-fatt li gie notat minnu li wiehed mill-pellets ma kienx bhall-ohrajn u l-fatt li huwa hass li kellu jinizzel dik ir-rimarka, jkomplu jsahhu l-argument li huwa, sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilita’ ghal xi eventwali nuqqas fil-merce, kellu d-dmir li jaghmel il-verifiki **f’ dak l-istadju**, kif fuq spjegat. *Multo magis*, fid-dawl tal-fatt li **z-zewg sigilli fuq il-container kienu intatti !**

Dan in-nuqqas da parti tieghu, akkompanjat mal-fatt li huwa accetta li jiehu pussess tal-merce u jzommha fil-bonded stores ghal sebat ijem, jaddossaw fuqu ir-responsabblita’ civili ghan-nuqqasijiet, u b’ dan l-ghemil tieghu huwa pogga lilu nnifsu fil-pozizzjoni li ma jistax jipprova li l-merkanzija naqset qabel ma l-merce kienet giet depozitata ghandu.

[6] Fol.77

Illi f' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghal dawn in-nuqqasijet ghandha tirrispondi unikament is-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Co.Ltd. fil-kwalita' taghha ta' operatur tal-bonded stores ta' Hal Far.

Illi l-fatt li fuq il-polza ta' kariku kien hemm imnizzel 3 pellets, u huma ttrasportaw u kkonsenjaw tlett pellets, dan il-fatt ma jezonerax kis-socjeta' konvenuta mill-obbligi taghha li bhala depozitarja tuza d-diligenza rikjesta mill-ligi u dettata mic-cirkostanzi tal-kaz. Certament ma jeszonerax lil bond operator li jaghmel il-verifiki kif fuq spjegat u li c-cirkostanzi kienu manifestament jezigu la darba huwa nnota li wiehed mill-pellets kien miftuh minn fuq, u s-sigilli intatti.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi r-responsabbilita' tal-konvenuti l-ohra hija eskluza, kemm ta' Carmelo Caruana Co.Ltd. bhala agent tad-ditta estera Italsempione, kif ukoll tal-kumanija SeaMalta.

Illi jirrizulta sufficjentement provat li d-danni sofferti mis-socjeta' attrici jammontaw ghas-somma ta' Lm2,171.20, rapprezentanti in kwantu ghal Lm1,941.20 valur tan-nuqqasijet fil-merce kif indikat fis-survery report, u Lm230 survey fees[7]

In propositu ghall-inkluzjoni tas-survey fees fil-likwidazzjoni tad-danni "din il-Qorti tahseb li s-socjeta' attrici ghandha kull dritt tfittex ghalihom ghaliex is-survey hija mezz ta' kontroll fuq il-claim li tkun saritilha, u fl-ahhar mill-ahhar din tkun saret fl-interess ta' kulhadd. Ghalhekk jidher li din hi prattika li m' ghandhiex tigi skoraggita u l-ispiza li tkun involuta biex issir is-survey ghandha titqies bhala parti mid-danni *[PA.**Dr.S.Micallef Stafrace vs Joseph Apps** – 27.03.98]" [Vol.LXXXII.III.33].* L-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili in propositu osservat hekk: "[Hi] ormai gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi kienet tikkonsidera dawn is-sruvery fees bhala spiza accessorja u necessarja inkorsi sabiex jigu stabbiliti d-danni rekalmati u ghalhekk kellhom huma stess jitqiesu

[7] Fol.34

bhala danni rizarcibbli minn min kien tenut responsabbli ghall-hlas taghhom" *[**Av.Dr.Robert Staines vs James Gollcher** – 30.03.2001].*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi: [1] billi tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici; [2] billi previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Carmelo Caruana Co.Ltd bhala operaturi tal-bonded stores, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront taghha, tiddikjaraha unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija kif fuq indikat, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' assikuratrici fl-ammont ta' elfejn mija u wiehed u sebghin lira maltin u ghoxrin centemzu [Lm2,171.20] u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici din is-somma flimkien mal-imghax legali kif mitlub. Bl-ispejjez a kariku tal-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------